# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024**

**Numru 6**

**Rikors Numru 579/18 TA**

**Milan Trisic [I.D. 138843A]**

**vs**

**Unique Turnkey Limited (C-37841)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Milan Trisic (l-Attur) tat-3 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> "Illi premess illi nhar it-2 ta` April 2017 l-esponent kien qieghed jaghmel xoghol kostruzzjoni/ammeljoramenti fl-indirizz APS Bank, Republic Street, Valletta u dan fil-kors tal-impieg tieghu mas-socjeta intimata li kien giet moghtija l-Kuntratt ta` appalt.
>
> Illi fuq l-istess sit kien hemm ukoll impjegati ohra tas-socjeta intimata li kienu qed jahdmu wkoll fuq il-kostruzzjoni w ameljoramenti tal-istess sit.
>
> Illi gara illi fl-istess jum u cioe` nhar it-2 ta` April 2017 sehh incident fuq l-istess sit fejn cediet parti ta` xi struttura u konsegwenza ta` dan l-incident l-esponent sofra u garrab griehi gravi u permanenti fuq il-persuna tieghu.

Illi l-incident suriferit sehh unikament b`responsabilta tas-socjeta intimata u dan peress illi huma naqsu milli jipprovdu " *a safe working environment*" ghalih bhala impjegati l-ohra.

Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi nkluz b`ittra ufficjali datata 5 ta` Marzu 2018 sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta` danni huma baqghu inadempjenti u dan bla ebda raguni.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-incident li sehh 2 ta` April 2017 fejn l-esponent kien qieghed jaghmel xoghol kostruzzjoni/ammeljoramenti fl-indirizz APS Bank, Republic Street, Valletta u dan fil-kors tal-impieg tieghu mas-socjeta intimata li kienet giet moghtija l-kuntratt ta` Appalt, u fejn huwa safa mwegga gravament, sehh b`responsabilta tas-socjeta intimata;

2. Tiddikjara illi konsegwenza tal-istess incident l-esponent soffra danni konsistenti f'dizabilita fizika permanenti li huwa garrab;

3. Tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-esponent u tillikwida l-istess danni minu hekk sofferti;

4. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lill-esponent dik is-somma hekk likwidata fi zmien qasir u perentorju;

U dan taht il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dak tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu 2018 u bl-intimati minn issa ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Unique Turnkey Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tal-24 ta' Ottubru 2018 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. "Preliminarjament jigi eccepit il-mankanza ta' relazzjoni guridika bjen is-socjeta eccipjenti esponenti u r-rikorrent. Ir-rikorrent ma kienx ingaggat mis-socjeta ecceipjenti rikorrenti kif ser jigi ppruvat fil-kors tas-smigh tal-kawza.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost f'ewwel lok ir-rikorrent jinhtieg li jipprova n-natura tal-allegat incident, il-kawza tal-allegat incident u r-responsabilita tas-socjeta ecceipjenti esponenti li dejjem cahdet u ghadha tichad li setghet kienet responsabbli ghal xi allegat incident li fih ir-rikorrent seta' kien involut.

3. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari suesposta ir-rikorrent ghandu jipprova l-allegata dizabilita' fizika permanenti li huwa

allegatament garrab u l-ammont li ghandu jigi likwidat ghad illi ma sartitx talba sabiex dan l-ammont jigi likwidat mil-Onorabbli Qorti.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-Atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attur huwa ta' nazzjonalita' barranija u la jaf jitkellem bil-Malti u lanqas bl-Ingliż. Dak in-nhar tal-inċident kien qiegħed jaħdem fuq xi xogħol ġewwa l-APS ta' Triq Repubblika, Valletta. Ix-xogħol kien appaltat lis-Soċjeta' konvenuta ma' min għid li kien impjegat l-Attur.

**2.** L-inċident industrijali seħħ fit-2 ta' April 2017. Xogħol l-Attur kien ta' shatterer jiġifieri fil-kostruzzjoni ta' meta jitqiegħed il-konkos. Kien qiegħed jaħdem fuq taraġ li sfronda bih għar-raġunijiet li ser ikunu indikati aktar 'l isfel.

**3.** B'konsegwenza ta' hekk sofra ġrieħi ta' natura permanenti u konsegwentement anke id-danni ta' lucrum cessans.

**4.** Is-Soċjeta’ konvenuta mhux biss tiċħad li l-inċident ma seħħx tort tagħha talli saħansitra tgħid li l-Attur l-anqas kien impjegat magħha u l-anqas qiegħed fuq il-kotba tagħha.

Għalhekk saret din il-Kawża.

**Punti ta’ liġi**

**5.** It-talba tal-Attur hija waħda għad-danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol.

**6.** Ġie ritenut li l-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku. (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tas-sena 2000 Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta).

**7.** Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta’ l-2003 (LS 424.18). Huwa dmir għalhekk ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala “*a safe system of work*”, b’dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta’ perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara fost oħrajn **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta’ Mejju 1979,**

**Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994, Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nomine tat-12 ta' Frar 1999**).

**8.** Dawn il-Qrati jelenkaw b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Fost dawn dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994' (ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla tal-31 ta' Ottubru 2013**).

**9.** Aktar minn hekk issir referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Carmelo Fenech -vs- Malta Freeport Terminals, Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef tas-16 ta' Mejju 2019** fejn ġie osservat hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16). B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kap 16, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti*

*tal-inċident b'idejh (App. Ċiv. 28.4.2017 fil-kawża fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et);*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424.*

*Illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Kumm. JH 9.9.1981 fil-kawża fl-ismijiet Godfrey Borġ vs George Wells et noe (mhix pubblikata). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu milliġi (P.A. 10.10.1980 fil-kawża fl-ismijiet Calleja vs Fino (mhix pubblikata).*

*Irid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà*

*tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (P.A. RCP 30.10.2008 fil-kawża fl-ismijiet Richard Farrugia vs Elbros Construction Ltd). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (P.A. TM fil-kawża fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd);"*

**10.** Irid ukoll jingħad li f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-posizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża. Fil-ktieb "**Occupational Health & Safety Law" ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28**) intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract."* Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono vs Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu. Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "*Passando a'*

*considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato"* (**Giovanna Visitini, Trattato Brve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 11**). Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

**11.** Fl-aħħar nett din il-Qorti tosserva li hemm ċertu kategoriji ta' xogħol li jaċċentwaw l-obbligi ta' min iħaddem. Altru huwa xogħol li jikkonsisti fi ħjata, fejn is-sinistri x'aktarx ma jkunux fatali u altru xogħol li jinvolvi riskju ta' telf ta' ħajja jew diżabiltajiet gravi, bħal ma hu x-xogħol ta' ħaddiema fit-tarznari u kostruzzjoni kif inhu l-każ tal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

**12.** Il-Qorti mill-ewwel tibda biex tgħid li din il-Kawża tippresenta apprezzament tal-fatti diffiċli ħafna. Dan għaliex iż-żewġ verżjonijiet li għandha quddiemha mhux biss huma konfliġġenti iżda addirittura jiċħdu lil xulxin. Is-Soċjeta' konvenuta tgħid mhux biss li ma taħti xejn għall-inċident

iżda li l-Attur ma kienx impjegat magħha u tiċħad il-pretensjonijiet tal-Attur sal-punt li tixlih li qiegħed jivvinta u jiffabrika storja biex jieħu mingħandha dak li assolutament mhux dovut lilu.

**13.** Issa meta qorti tkun rinfaċċjata b'xenarju bħal dan ma jfissirx li għandha taħsel idejha u tieħu t-triq il-qasira billi tiċħad it-talbiet Attriċi għaliex kemm dak li għid l-Attur u kif ukoll is-Soċjeta' konvenuta ma hux miktub fuq it-twavel tal-irħam. F'ċirkostanza bħal din, din il-Qorti hija konfortata minn lista twila ta' Sentenzi fosthom dik fl-ismijiet **Moira Galea -vs- Michael Zerafa, Appell, 6 ta' Ottubru 2000, Qorti tal-Appell** fejn intqal li *"…. jassumu rilevanza spiss determinanti b'provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-versjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-versjonijiet konfliggenti tal-partijiet….".*

**14.** Għalhekk il-Qorti ser tagħmel l-evalwazzjoni tagħha fuq skorta tal-prinċipji fuq imsemmija.

**15.** Is-Soċjeta' konvenuta tgħid li d-dikjarazzjoni iffirmata mill-General Manager datata 15 ta' Mejju 2017 li tirreferi għall-impieg tal-Attur meta l-inċident seħħ fit-2 ta' Mejju 2017 hija dubbjuża (a' fol 210). Di pju' Charlene Gravina Range tikkontesta li dik hija l-firma tagħha jingħad ukoll u fil-fatt falsifikata. Dan jingħad ukoll fir-rigward tal-letter of reference maħruġa

mingħajr data (a' fol 81). Is-Soċjeta' konvenuta tikkontesta l-payslips presentati mill-Attur prinċipalment minħabba l-fatt li n-numru 205 fuqhom jirreferi għall-impjegat ieħor li jismu Mario Scicluna (a fol 82). Huwa minnu li fil-lista tal-impjegati esebita mis-Soċjeta' konvenuta n-numru 205 huwa ta' din il-persuna (a' fol 167).

**16.** Kwantu għall-firma, l-imsemmija Charlene Gravina tgħid li din kienet diġa' ġiet verifikata li kienet falza fil-proċeduri kriminali quddiem il-Maġistrat Donatella Farrugia Dimech. Tkompli tispjega li l-Qorti kienet ħatret espert kaligrafu u kien ikkonferma li dik il-firma ma hiex tagħha (a' fol 314). Tispjega ukoll li hemm diskrepanzi bejn l-indirizz tas-Soċjeta' konvenuta u dawk indikati fid-dokumenti esebiti u kif ukoll li l-email tagħha ma kienitx dik indikata mill-Attur. L-istess jista' jingħad għal-logo fuq il-letter heads.

**17.** Di pju kif jirrisulta mix-xhieda tar-rappresentanti tal-Jobs Plus u Identity Malta jirrisulta li l-Attur kien jidher li kien xi darba impjegat minn C&F Building Contractors Ltd u mhux mis-Soċjeta' Konvenuta (a' fol 255 u 263 tergo u 264). Jirrisulta ukoll li għalkemm xhud tiegħu Brank Rajkovic xehed li kien presenti għall-inċident dan ma jistax ikun għaliex skont Charlene Gravina beda jaħdem mal-Kumpanija fl-24 ta' April 2017 meta l-inċident seħħ fit-2 ta' April 2017. Fl-aħħarnett jingħad ukoll illi l-kuntratt tax-xogħol esebit mill-Attur huwa fittizju għaliex l-anqas huwa iffirmat minn ċertu Andre Zammit Tabona li sa dak in-nhar kien partner ma' Karim Abdel Karim li llum huwa sole owner tas-Soċjeta' konvenuta.

**18.** Min-naħa l-oħra l-Attur jippresenta stampa għal kollox differenti. Presenta dikjarazzjoni tas-Soċjeta' konvenuta li l-Attur kien impjegat tagħha. Din hija datata 15 ta' Mejju 2017. Pero' għid li fir-rejalta beda fl-impieg fis-26 ta' Awwissu 2016 (a' fol 21). Li tassew kien hemm xogħol fuq is-sit tal-APS fil-Belt il-partijiet huma paċifi dwaru.

**19.** Kwantu għall-firem li qed ikunu attakati bħala li huma falsifikati, il-Qorti tibqa' mistagħġba kif xilja bħal din ma ġietx pprovata minn min qiegħed jallegaha u cioe' Charlene Gravina u Abdul Karin Abdel, meta kif ingħad aktar 'l fuq, skont dawn ix-xhieda kien anke tqabbad espert kaligrafu mill-Qorti tal-Maġistrati. Ma kien hemm xejn xi jżomm lil min qiegħed jallega dan jitlob l-allegazzjoni tal-atti ta' dawk il-proċeduri anke meta kienet din l-istess Qorti li tat l-imbekkata li dan jista' jsir tant li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023 il-Qorti qalet hekk: "*Fid-dawl tad-deposizzjoni tax-xhud tal-lum qed tordna lil min mill-partijiet jista' jesebixxi kopja tal-atti tal-Kawza msemmija mix-xhud permezz ta' nota sa mhux aktar mill-11 ta' Dicembru 2023".* Din in-nota baqgħet ma saritx u l-aktar li kellha interess kienet is-Soċjeta' konvenuta għaliex wara kollox l-allegazzjoni tal-falz hi kienet qed tagħmilha.

**20.** Kif ingħad mill-**Qorti tal-Appell fis-sentenza Maria Stella Calleja v. Brian Deġiorġio deċiża fis-17 ta' Marzu, 2022**, qorti ta' kompetenza ċivili għandha tiskarta allegazzjoni ta' firma falza jekk din ix-xilja ma tiġix msaħħa minn talba għal eżami tal-firma minn espert kompetenti. Issa x-xilja qed issir mis-Soċjeta' konvenuta għalhekk *ei qui allegat onus probandi*

*incumbit.* Il-Qorti iżżid tgħid li din il-prova ma hiex meħtieġa fil-kawża innifisha. Il-prova ta' dokument li jkun ittieħed quddiem Qorti oħra huwa biżżejjed għaliex il-Qrati għandhom fiduċja fid-deċiżjonijiet li jittieħdu taħt il-kontroll tal-istess. Li kieku ma kien hekk, tkun faċli għal kulħadd li jagħmel allegazzjoni u jieqaf hemm, biex inġustament il-parti li tkun presentat id-dokument allegatament falz tiġi imċaħħda minn prova determinanti. Għalhekk dawn id-dokumenti ser jittieħdu bħala konformi mal-liġi.

**21.** Karim Abdul Karim muri dokument relatat mal-inċident bil-firma ta' Thea Deguara, li hija s-Segretarja tal-Group, ma setax għid jekk kienitx tagħha jew le (a' fol 81 u a' fol 163 li tidher fil-lista ta' impjegati bħala impjegata tas-Soċjeta' konvenuta). Bħal donnu anke il-firma ta' din iqiegħed fid-dubbju, b'dana kollu is-Soċjeta' konvenuta ma ħassitx il-bżonn li tressaqha bħala xhud, għalhekk anke hawn id-dokument qed jitqies bħala wieħed regolari. F'dan id-dokument din tikkonferma li rċeviet "*a copy of information for patients in cast*". Il-Qorti tibqa' skantata kif dan id-dokument qatt ma ttella' quddiem il-Bord tal-kumpanija u b'hekk iqisu sewwa l-affarijiet tagħhom tempestivament. Di pju skond it-timbru tal-kumpanija fuq dan id-dokument l-indirizz tal-kumpanija huwa dak tas-Sliema u mhux Triq il-Boma, Sqaq il-Mudurbu, Imqabba (ara nota sottomissjonijiet tas-Soċjeta' Konvenuta para [h] pg 4). Il-Qorti issa tifhem għaliex kemm kien ikun diffiċli biex is-Soċjeta' konvenuta tkun notifikata bl-atti ta' kull kawża li saritilha. Il-Qorti hija ukoll sorpriża kif saru dawn il-falsifikazzjonijiet kollha u baqgħu lura milli jagħmlu kawżi u rapporti lill-Pulizija. Meta mitluba jagħtu

spjegazzjoni għaliex ma għamlux ir-risposta kienet fjakka u mhux konvinċenti.

**22.** F'dikjarazzjoni iffirmata minn Charlene Gravina Grange mingħajr data, jirrisulta li s-Soċjeta' konvenuta kellha bżonn l-abiltajiet tal-Attur u riedet għalhekk timpjegah (a' fol 80). F'din l-ittra hemm passaġġ li huwa indikattiv ħafna dwar il-prassi tas-Soċjeta' konvenuta meta tkun ser timpjega xi ħaddiema: "*Recently he had an interview with us and he <u>tried the job for a few days</u> so that we could verify his knowledge and he showed a great ability in this field and his work is impeccable".* (Emfażi tal-Qorti). Kemm kienu dawn il-"few days" din il-Qorti ma tistax tgħid.

**23.** Din kienet ittra għaliex "*we need him to be employed with our company".* Dan ifisser, li għalkemm l-Attur kien għadu mhux formalment impjegat mas-Soċjeta' konvenuta xorta kien beda jagħmel xi xogħol magħha. Għalhekk jidher, li ma kienitx xi ħaġa ta' barra minn hawn li jkollha nies magħha, li għalkemm mhux impjegati regolarment xorta waħda kienu jkunu fuq il-lant tax-xogħol bil-perikoli li dan jirrapresenta. F'dan l-istadju il-Qorti tfakkar ukoll li presenza tal-Attur fuq il-post ġiet senjalata minn Milomar Stoykovic (a' fol 133), Micra Petrovic (a' fol 130) u Branco Raykovic. Is-Soċjeta' konvenuta l-anqas ressqet persuna waħda biex għid il-kuntrarju u wisq anqas għamlet kontroeżami ta' dawn ix-xhieda.

**24.** Is-Soċjeta' konvenuta tipprova tiskredita lill-Attur bħala wieħed li ma kienx impjegat magħha, għaliex kif ingħad aktar 'l fuq kemm tal-Identity

Malta u anke tal-Jobs Plus ikkonfermaw li fir-rekords tagħhom dan kien jidher impjegat ma' C&F Building Construction Ltd. Il-Qorti ma tieħu xejn bi kbir li dan huwa minnu u cioe li ħadmet lill-Attur mas-Soċjeta' konvenuta meta ma kienx għad kellu regolarizzat l-impieg tiegħu mal-Awtoritajiet, kif fil-fatt jingħad fl-ittra. Dan minkejja, li Karim Abdel Karim, sole Director tas-Soċjeta' konvenuta u kif ukoll Charlene Gravina Grange, jagħtu l-impressjoni li fil-kumpanija kien kollox miexi fuq ir-rubini.

**25.** Dan jirrifletti ukoll fuq ix-xhieda ta' Branco Raykovic li skont is-Soċjeta' konvenuta dan ma kienx impjegat magħha meta seħħ l-inċident. Il-Kumpanija tgħid li dan beda jaħdem mal-Kumpanija fl-24 ta' April 2017 meta l-inċident seħħ fit-2 ta' April 2017. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni fuq imsemmija, kif tista' tgħid jekk bħall-Attur kienx tħalla jahdem "*for a few days*" biex jaraw l-abbiltajiet tiegħu? Is-Soċjeta' konvenuta ma tipprestax affidibilita' fuq dawn ix-xorta ta' dettalji. Di piu', Charlene Gravina tgħid li hi ma hiex General Manager imma CEO u għalhekk dik id-dikjarazzjoni ma setgħetx għamlitha hi. Il-Qorti tirreferi li hija ma iffirmatx bħala general manager iżda għan-nom tiegħu.

**26.** Di piu' Norbert Ciappara presenta ukoll l-income tax return tal-Attur li tindika biċ-ċar ma min kien l-impieg tiegħu (a' fol 276). Iżda *dulcis in fundo* hemm id-dokument fejn jingħad iswed fuq l-abjad li li l-Attur beda jaħdem mas-Soċjeta' konvenuta fis-26 ta' Awwissu 2016 u kellu paga ta' tmien mitt ewro (€800) fix-xahar, veru li s-soċjeta' konvenuta tikkontesta l-

firma ta' Charlene Gravina Grange imma kif diġa rilevat aktar 'l din ix-xilja qed tkun respinta.

**27.** Il-Qorti għandha għalfejn tifhem il-għala s-Soċjeta' konvenuta ħadet din il-posizzjoni fil-Kawża. Skont il-polza tal-Mapfre, esebita minn Charlene Gravina Grange, din kienet ukoll tkopri lil min iweġġa' fuq ix-xogħol. Pero' f'din il-polza hemm espressament imniżżel bħala Standard Warranties li din kienet soġġetta għal *"All works are to be carried out inconformity with local legislation (including but not limited to Occupational Health and Safety Authority Act (XXVll of 2022) and its relevant subsidiary regulations and in accordance with permits issued by the Malta Environment Planning Authority"* (a' fol 210 Dok 2a).

**28.** Għalhekk il-Qorti tifhem, li fil-każ ta' impjegat li ma jkunx regolarment impjegat skont kif trid il-liġi, is-Soċjeta' Assikuratriċi segħtet tirrifjuta li tkopri l-inċident inkwistjoni. Din l-osservazzjoni twassal ukoll lill-Qorti taħseb dwar dak li qal l-attur meta qal hekk: "*Cemplulu darba biex jinnegozjaw ftehim u jsemmi lil certu Michael Costa u jispjega kif dan Michael Costa illusingah biex jevita li issir kawza kontra taghhom*" (a' fol 33 u 34). Issa l-Qorti tfakkar, li Michael Costa x'aktarx kien Karim Abel Karim (ara ukoll xhieda ta' Milomir Stojkovic a' fol 135 u dik ta' Norbert Ciappara aktar 'l isfel).

**29.** Għalhekk bit-tibdil kontinwu ta' indirizzi, tibdil kontinwu ta' ismijiet bħal Charlene Gravina u ġieli biż-żieda ta' Grange, Karim Abdel Karim

magħruf ukoll bħala Michael Costa u b'numru ta' kumpaniji b'ismijiet simili, it-terren huwa wieħed fertili biex dak li jkun jiġi żgwidat (Ara fost oħrajn Rapport ta' Norbert Ciappara it-tieni paragrafu a' fol 269 tergo).

**30.** Dan dejjem fil-kuntest, li ħafna mill-impjegati tas-Soċjeta' konvenuta la jafu bil-Malti u wisq anqas bl-ingliż bħal ma fil-fatt kien l-Attur. L-istess Norbert Ciappara saħansitra ikkonkluda taħt li "*From the documentation FS3 and letter of reference in possession u Milan Trisic, one cannot state that at the time of the accident Milan Trisic was not working with Unique. Further the accident was confirmed by one of his co-workers Micro Oetrovic"* (a' fol 269 tergo).

**31.** Għalhekk il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ssib li l-aktar verżjoni kredibbli hija dik tal-Attur.

*Il-mertu*

**32.** Qabel ma kull likwidazzjoni tad-danni l-Qorti trid l-ewwel tistabilixxi jekk is-Soċjeta' konvenuta għandhiex twieġeb għall-inċident inkwistjoni.

**33.** Bħala regola ġenerali azzjoni bħal din hija mibnija fuq l-artikoli 1031 u dawk sussegwenti tal-Kodiċi Ċivili. Di piu artikolu 1032 ukoll jitfa' dawk qawwi fuq ix-xorta ta' responsabbilta' f'każ ta' danni.

**34.** L-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:- *"Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* u l-Artikolu 1032 jistipula: *"Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prundenza, id-diligenza u l-hsieb ta'*

*missier tajjeb tal-familja"*. **Fis-Sentenza fl-ismijiet Giuseppe Spiteri vs Alexander Camilleri** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' April 1937 [Vol. XXIX.i.937] ġie ssottolinejat:- "*mill-banda l-ohra huwa assodat fid-dottrina u accettat fil-ligi taghna illi d-diligenza li hija necessarja fil-materja tad-danni li jkunu gejjin mid-delitti jew kwazi hija dik tal-persuna medja, cioe' d-diligenza ordinarja. Ghalhekk jinghad li* "*la media del dovere non e' la previdenza della quale e' capace un dato individuo, ma e' quella commune di un uomo prudente"* "(Ara **Cogliolo – Colpa Aquiliana, scritti vari Vol. I, pag. 202**).

**35.** **Il-Pollock (Law of Torts, page 357)** ukoll jistabilixxi l-istess prinċipju fid-Dritt Ingliż:- *"We have to assume that the standard of duty is not the foresight and caution which this or that particular man is capable of, but the foresight and caution of a prudent man".*

**36.** Għal dak li jikkoncerna min mill-partijiet irid jagħti prova, issir riferenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Ingegnere Frank Calafato vs Carmelo Grech deciża mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Novembru 1921 [Vol. XXIV.i.894]** fejn intqal hekk :- *"......quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di culi reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli e' nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche' la colpa e' un'ipotesi giuridica e generica finche' sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad*

*altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica del convenuto, consistente in un fatto o una omissione, alla quale potesse attribuirsi la rottura del cilindro della motocicletta in quistione che l'attore nel suo atto di citazione ha allegato d'essere stata cagionata dal convenuto"*.

**37.** Issir ukoll riferenza għas-**Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino vs Angelo Xuereb noe et [Ċitaz. Nru: 1264/99TM] deċiża fit-3 ta' Lulju 2003**:- "*fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilta extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert"*. Għalhekk l-atturi għandhom l-obbligu li jipprovaw pożittivament il-ħtija u r-responsabbilta tal-konvenut. Kif tajjeb intqal fis-**Sentenza fl-ismijiet Antonio Vella vs Emanuel Attard deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Lulju 1976** ir-regola komuni huwa l-prinċipju "*culpae non praesumuntur, u ghalhekk ma toperax u ma tapplikax meta l-awtur tad-dannu ma jkunx obbligat versu d-danneggjat minhabba u skond kuntratt, jew in forza ta' kwazi kuntratt. Fejn ma hemmx kuntratt jew kwazi kuntratt japplikaw ir-regoli komuni sanciti mill-aforisma legali affermanti incumbit probation (Re Regulis Juris) actore non probante, qui convenitur, stei nibil ipse praestet, obtinebit".*

**38.** Pero' għalkemm ir-regola ġenerali hija dik li f'kawżi bħal dawn huwa l-attur li jrid jagħmel il-prova kemm tan-ness kawżali u kif ukoll tad-danni

sofferti, b'dan ma jfissirx li fil-kors tas-smiegħ tal-kawża ma tinħoloqx ċirkostanza fejn il-prova tkun tispetta lill-konvenut. Hekk per eżempju fil-każ odjern meta s-Soċjeta' konvenuta xliet il-falz. La darba xlietu jispetta lilha iġġib il-prova u mhux lill-Attur fuq xi punt li jitqanqal mill-konvenut waqt is-smiegħ tal-Kawża biex jeżimi lilu innifsu mir-responsabbilta'.

L-Attur jixhed hekk:

"*Since this staircase was demolished as per instructions we were given there was a problem that no one informed us that also the supporting beams were removed in the previous shift but nobody was informed of this. So than obviously I lost ground, I fell through this structure, the whole storey which is about 5m and I fell on my back and they carried me out"* (a' fol 23). *"...there was no jacks in place. I believe these Jacks were metal structures, metal beams that are extendible and they support the structure...one metre between one jack and an other"* (a' fol 29). "*No body was aware that the beams were removed, not even the foreman himself*" (a' fol 30).

**39.** L-Attur jispjega ukoll li fix-xogħol tagħhom u r-regolamenti tagħhom dawn kellhom ikunu l-aħħar ħaġa li kellhom jitneħħew (a' fol 30). L-Attur għid kemm-il darba li "They were in a hurry to finish the Job" (ara a' fol 30 u 31). Li kien hemm ċertu għaġġla jikkonferma anke Mirca Petrovic li huwa t-team leader li jassenja x-xogħol meta għid "*There were two shifts of workmen due to the tight deadline* ..." (a' fol 49).

**40.** Branco Rajkovic għid hekk: "*We were about to start our daily work and he fell, he went up the staircase to do his assigned duty and he fell infront of me*" (a' fol 54). "*There were lots of people working there <u>and not all of them were skilled</u> and it may happen when there are so many people doing different things <u>that one can remove or move beam that supports structure and then a person falls</u>*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 56). Għal mistoqsija *"And before you started work on the site, were you given protectives, security clothing? Were you given harnesses?"* It-tweġiba netta tax-xhud hija "*No*" (a' fol 58). L-Attur in kontro eżami jikkonferma ukoll li ma ingħataw ebda ilbies protettiv (a' fol 107). Mirca Petrovic, li kien presenti waqt ix-xogħol ukoll għid li *".... milan trisic fell through the beam from 3rd level and a part of the platform collapsed and fell down with him, When he fell to the ground, Milan said to me 'Rocky I broke my leg'"*(a' fol 49). Dan għid ukoll li *"...alerted the Management*". Għal xi raġuni s-Soċjeta' konvenuta deherilha li la tagħmel kontro eżami ta' dawn ix-xhieda u lanqas tressaq xhieda li ħadmu fuq il-post biex jikkonfermaw it-teżi tagħhom.

**41.** Wieħed mil-persuni importanti kien ċertu Goran Zdravkovic, li jissemma' miż-żewġ naħat iżda stranament ħadd ma ħass li kellu jressqu bħala xhud. Dan jidher li kien il-*factotum* għaliex kien *shift leader, supervisor* u skont l-Attur saħansitra kien iqassam il-pagi bil-metodu li jiddiskrivi Karim Abdel Karim fix-xhieda tiegħu (Ara ukoll xhieda ta' Milomar Stoykovic a' fol 136 tergo). Dan ukoll huwa l-istess bniedem li meta

b'kumbinazzjoni kienu għaddejjin żewġ Pulizija prova jmewwet l-inċident billi qalilhom li kull ma ġara kien li l-Attur fekkek għarqubu.

**42.** Minn evalwazzjoni tal-provi jidher li ġara s-segwenti. Kif anke jirrisulta mill-provi suindikati x-xogħol kien wieħed mgħaġġel. L-Attur għid kemm-il darba li "*They were in a hurry to finish the job"* (ara a' fol 30 u 31). Mirca Petrovic ukoll għid "*There were two shifts of workmen due to a tight dead line...*" (a' fol 49). Apparti dan il-fattur kien hemm sitwazzjoni fejn kellha ġgajta imdaqqsa ta' ħaddiema parti minnhom unskilled u ma kienux jafu sewwa x-xogħol. Fil-fatt Branco Rajkovic għid hekk: " "*There were lots of people working there <u>and not all of them were skilled</u> and it may happen when there are so many people doing different things <u>that one can remove or move beam that supports structure and then a person falls</u>*". (a' fol 54). Minn hawn jirrisulta li ma kienx hemm site manager kompetenti biex jikkoordina x-xogħol li kien qiegħed isir. Di fatti dak li ġara kien li s-shift ta' qabel żarmaw dawn il-puntali (jacks) li kellhom ikunu l-aħħar ħaġa li titneħħa. Meta daħal is-shift tal-Attur ma kien hemm ebda hand over u ħadd ma kien jaf li tneħħew dawn il-puntali. Fil-fatt fir-rapport tiegħu Norbert Ciappara, health inspector jinnota hekk: "*It was further indicated that the works used to be carried out during the night, when he and his colleagues had reported for work, they relieved the night shift. Milan Trisic also stated that they were not given a handover from the night shift. He laso indicated that he used to get his instructions from his shift leader. Supervisor Mr. Goran Zdarvokic".* Meta l-ispettur prova jkellem lil dan

Goran dan wiegbu hekk: *"...he did not want to speak with me on Trisic as he had caused him many problems and headaches, he further stated that that I should ask Trisic about the accident"* (a' fol 268 tergo u 269). Risposta li tindika b'liema għaqal u ġarbu kien jagħmel is-superviżjoni tiegħu. Pero' bir-risposta tiegħu jikkonferma ukoll li l-Attur tassew kien fuq il-post.

**43.** Mill-provi jirrisulta ukoll li ħadd mill-ħaddiema ma ingħata taħriġ u wisq anqas kien hemm "*risk management report*". Dawn il-Qrati inħanqu jinsistu li huwa dejjem id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "*a safe system of work*", b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat (Ara Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) u Ara **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs-Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979; Appell, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994; Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nominee, P.A. tat-12 ta' Frar 1999**).

**44.** Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica degli infortuni sul lavoro dal*

*terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato"* (**Giovanna Visitini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 11**). Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

**45.** Għalhekk wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, il-modus operandi tas-Soċjeta' konvenuta vis-a-vis l-Attur qua impjegat tagħha, il-liġijiet u l-ermenewtika sentenzjali seranament tasal għall-konklużjoni li s-Soċjeta' konvenuta għandha taħti għall-inċident u konsegwenzjali danni sofferti mill-Attur.

<u>*Likwidazzjoni tad-danni*</u>

**46.** Ġaladarba ġiet stabbilita r-responsabbilta' tas-Soċjeta' konvenuta, issa jmiss li jiġu likwidati d-danni.

**47.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili u li taqsam id-danni f'żewġ kategoriji: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**48.** Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil li tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Fil-waqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

**49.** Kif ingħad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward intqal li "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

<u>*Damnum emergens*</u>

**50.** Mill-atti din il-Qorti ma għandha ebda prova dwar f'hiex jikkonsisti d-dannu ta' telf effettiv tant li anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-Attur

dan ix-xorta ta' dannu ma jirreferix għalih. Għalhekk il-Qorti mhux ser tkun qed tipprovdi dwar dan ix-xorta ta' dannu.

_*Lucrum cessans*_

**51.** Fir-rigward ta' dan ix-xorta ta' dannu l-awtur taljan Torrente jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**). Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**52.** B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (**ara Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

**53.** Għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** intqal li "*dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li*

*huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv"* (P.A. *PS 30.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et (mhix appellata));*

*Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-principju tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn (P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani (mhix appellata); Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem".*

**54.** Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general*

*damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain"* (**Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**)

**55.** Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali. Il-Qorti għalhekk tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (**App. Ċiv. 30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500**). Fil-każ tal-lum l-inċident seħħ fit-2 ta' April 2017.

**56.** Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (**App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe [Kollez, Vol: LXXXII.ii.242**]). Hemm ukoll ħaġa oħra li hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta'

qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment (**P.A. JSP 31.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna [mhux appellata]**). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (**Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73**). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal.

**57.** Il-prinċipji bażiċi tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' Butler -vs- Heard. Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati bħal dik ċitata aktar illum.

**58.** Fil-qosor dawn huma l-prinċipji: Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejħa multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni u cioe' ta' 65. Dan mhux prinċipju fiss fis-sens li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' tiegħu partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa. Għalhekk mhux regola fissa li tkun daqstant

fit-tul jekk jirrisulta li l-persuna minħabba kundizzjonijiet persistenti għas-sinistru kienet diġa' fi stat ta' saħħa ħażin li ma kienux jippermettulha li tgħix sa 65 bħal ma persuna li fil-mument tas-sinistru kienet qrib jew saħansitra żebqet il-65 sena u tkun għadha tista' tkompli b'ħajjitha b'mod normali.

**59.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-Attur meta seħħ l-inċident l-Attur kellu 45 sena (a' fol 272). Dan ifisser li bil-kriterju fuq imfisser kalkolu ser isir fuq medda ta' 20 sena.

**60.** Huwa ukoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrapresentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin. L-ermenawtika sentenzjali lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm-il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża. Il-Qorti għandha ukoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal-konvenut, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attur li allura għandu jkun hemm tnaqqis.

**61.** Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjus raġjonevoli. F'dan il-każ il-Kawża bdiet fil-5 ta' Ġunju 2018. Għalhekk il-Qorti tqies li tnaqqis ta' 14% ikun ġust.

**62.** Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu effettivament l-ammont ta' danni

likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Meta l-Qorti taħtar espert tagħha għandha kemm jista' jkun tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu b'dana ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta l-opinjoni ta' tobba ex parte li jkunu eżaminaw lill-Attur. L-importanti li l-Qorti toqgħod fuq opinjoni esperta u teknika u mhux tassumi dan ir-rwol f'materja tant teknika.

**63.** It-tabib Ortopediku tal-Qorti kkonkluda li l-Attur għandu 30% diżabilita' permanenti. Dan il-Perit jikkonkludi li "*Mr. Trisic has, unfortunately been left with an ugly, swollen, deformed and shortened left leg. This will definitely interfere with practically all his life activities. A below knee amputation has been mentioned but his not ready for it though if the pain persists and/or increases, or even if there is a recurrence of his infection, he might consider it"* (a' fol 45)

**64.** Il-kalkolu dejjem isir fuq l-entrojtu tad-danneġġjant. Dan ħafna drabi jkun ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dak li jkun jew bi prova diretta ta' min ikun qiegħed jagħmel il-ħlas. Il-Qorti eżaminat li r-return tat-taxxa tal-Attur għall-aħħar kwart tal-2016 kien ta' tlett elef sebgħa mija u tmienja u ħamsin ewro (€3758). Dan ifisser li għal sena sħiħa huwa dak ta' circa ħdax-il elf mitejn u erbgħa u sebgħin (€11,274).

**65.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza l-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja, li dan il-prinċipju għandu aktar minn

natura ta' dak li hu mixtieq milli ta' dak li hu rejali, għaliex huwa inumanament impossibbli li wara inċident gravi, l-persuna danneġġjata terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**66.** Din il-Qorti tqies dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-istatus quo ante. Jekk l-Attur kien jipprattika sport, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa l-anqas wieħed ma jista' jkollu. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident.

**67.** Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni. F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

**68.** Dan huwa ammont li ma jistax ikun ikkalkolat fuq kriterji fissi iżda wieħed li jiġi likwidat mill-Qorti ex bono et equo. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, anke tenut kont tal-osservazzjoni li għamel il-Perit mediku kif indikat aktar 'l fuq, sitt elef (€6,000) ikun ġust u ekwu biex jagħmel tajjeb għal dan l-aspett tal-integrita' tal-kapaċitajiet fiżiċi mankati fil-persuna tal-Attur.

**69.** Għalhekk 20 (snin) x €11,274 (salarju anwali) = €225,480 – €31,577 (14% lump sum payment) = 193,905 x 30/100 = €58,171 + €6000 (integrita' fiżika) = €64,171.

**70.** Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index-imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Issa skont l-indiċi tal-inflazzjoni tal-prezzijiet anness mal-Kap 158 tal-liġijiet ta' Malta ir-rata ta' inflazzjoni fl-2017 kienet 849.77 u sakemm ġiet biex tingħata din is-Sentenza telgħet għal, bl-aħħar 995.62 aġġustament fl-2024. Għalhekk li kieku kellha din il-Qorti tqies ir-rata tal-inflazzjoni b'żieda ta' sitta fil-mija (6%) tkun ħaġa xierqa u ġusta. Dan ifisser li mal-ammont imsemmi aktar 'l fuq għandu jiżdied l-ammont ta' sebgħat elef sitt mija u tmenin ewro (€7,680). Ifisser li l-ammont finali tad-danni qua lucrum cessans għandu jkun ta' wieħed u sebgħin elf, tmien mija u wieħed u ħamsin ewro (€71,851).

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tielet u raba' talbiet** Attriċi billi tillikwida id-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' wieħed u sebgħin elf, tmien mija u wieħed u ħamsin ewro (€71,851) u tikkundanna lis-Soċjeta' Konvenuta tħallas lill-Attur is-somma likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes għas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**